MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Appell Kriminali Numru. 382/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Keith Deguara**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Keith Deguara talli fil-lejl ta’ bejn il-15 u s-16 ta’ Ottubru 1998 gewwa l-Havana Bar gewwa “The Generator” li jinsab fi Triq San Gorg, Paceville, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe` offiza ta’ natura gravi, fuq il-persuna ta’ Mario Brincat, skond ma ccertifikaw il-Profs. John Casaletto ta’ l-Isptar San Luqa kif ukoll it-Tabib Mario Scerri M.D.;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta’ Novembru 2006, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 214 u 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Keith Deguara hati ta’ l-akkuza dedotta u kkundannatu ghal piena karcerarja ta’ tmintax-ilx ahar sospizi ghal tliet snin bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9, ordnat lill-istess Keith Deguara li ai termini ta’ l-artikolu 28H ta’ l-istess Kap. 9 ihallas lil Mario Brincat is-somma ta’ Lm500 fi zmien sitt xhur mid-data tas-sentenza appellata, ordnat wkoll illi jhallas l-ispejjez ta’ l-esperti fl-ammont komplessiv ta’ Lm130.50 fi zmien xahrejn mid-data ta’ dik is-sentenza u fin-nuqqas jigu konvertiti f’sitta u ghoxrin jum prigunerija, u astjeniet (*sic!*) milli tiehu konjizzjoni tal-kontravvenzjoni moghtija ai termini ta’ l-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 stante li din hija preskritta;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' Keith Deguara pprezentat fl-1 ta’ Dicembru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjarah innocenti u tilliberah minn kull htija u piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-ewwel Qorti naqset milli taghmel apprezzament korrett tal-fatti. Huwa ma agixxiex, kif tghid l-ewwel Qorti, “biex jitkessah” izda agixxa per legittima difesa; (2) l-offizi mgarrba mill-vittma huma *“of a non-grievous nature”*; (3) peress illi hemm kawza civili fejn Mario Brincat qieghed ifittex civilment lill-appellant, tista’ tirrizulta sitwazzjoni fejn l-appellant ikollu jhallas kumpens doppju in vista tal-provvediment li tat l-ewwel Qorti a tenur ta’ l-artikolu 28H tal-Kap. 9.

L-ewwel zewg aggravji jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz

ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].
F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this**

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Issa, l-appellant jghid illi l-incident in kwistjoni gara billi Mario Brincat u Dale Spiteri harsu bl-ikrah lejn xulxin minhabba xi incident fil-passat, Brincat mar lejn Spiteri u qabdu jiggieldu, is-segwaci fuq iz-zewg nahat dahlu fil-glieda u bdew itiru tazez u fliexken. L-appellant isostni li hu gie attakkat u ddefenda ruhu billi tefa' flixkun.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-provi mressqa quddiem l-ewwel Qorti. In succint jirrizulta s-segwenti:

**Mario Brincat** xehed illi kien ma' habib tieghu l-Havana meta wiehed minn tliet guvintur li kienu bilqieghda ghamillu sinjal biex jersaq lejh. Huwa mar u dak il-guvni saqsieh, fost hafna kliem u dagha, ghalfejn kien qed ihares lejh bl-ikrah u jekk kellux itieh. Ix-xhud qal li wiegeb li ma kienx jafu u li ma kienx qed ihares lejh bl-ikrah. Dak il-guvni ttanta jtieh daqqa bir-ras, laqaghlu, u fil-pront qam l-appellant u tah daqqa ta' flixkun fuq ghajnu l-leminija.

**Alexander Brincat**, hu Mario, ikkonferma li ra lill-appellant jaghti daqqa ta' flixkun f'ghajn huh.

**Mark Fenech** kien mal-hbieb tieghu l-ahwa Brincat u David Borg. Waqt li kien qieghed jitkellem ma' David Borg, sema' ghajjat u meta hares ra lill-appellant ixejjer flixkun fid-direzzjoni ta' Mario Brincat u laqtu fuq wiccu. Inqalghet kommozzjoni shiha, "kien hemm xeba' glied, kulhadd jaghti lil xulxin u jiena kont fosthom".

**L-appellant Keith Deguara** xehed li fil-gurnata in kwistjoni kien qieghed il-Havana ma' zewgt ihbieb tieghu, Dale Spiteri u Edward Borg. Vicin taghhom kien hemm klikka guvintur u nnota lil Dale ihares bl-ikrah lejn wiehed minn dawk il-guvintur u l-persuna l-ohra thares bl-ikrah lejn Dale. Huwa jkompli jghid hekk: "Wiehed minn dawn il-grupp resaq vicin ta' Dale u qallu xi kliem u Dale u din il-persuna spiccaw fl-idejn …. Jiena kelli flixkun u spiccajt waddabtu u dahlu s-security u harguna 'l barra. Kien hemm konfuzjoni u kien hemm diversi fliexken u kaxxi li nkisru. Nghid li huma tefghu xi tazzi pero` ma nafx kemm. Pero` jiena biss tfajt fliexken." Izda mbaghad jghid: "Jista' jkun li kont jiena li lqatt lil xi hadd bil-flixkun li tfajt. Jista'

jkun li ma kontx jiena li lqattu pero` dak il-hin bil-konfuzjoni jiena tfajtu. Jiena fil-fatt ghidt li kont jiena li tfajt il-flixkun bil-biza' li kelli. Mistoqsi jekk jiena rajtx il-flixkun sejjer fit-tragitt tieghu nghid li le. Naf li kien hemm fliexken ohrajn li ntefghu." Meta kienu barra ndunaw li l-ohrajn kienu hargu warajhom, telqu jigru lejn l-Ghal Kafe` fejn infirdu u hu baqa' sejjer l-ghassa bi tnejn li dahlu warajh jakkuzawh li kien wegga' lil wiehed minnhom u billi ppruvaw jiggieldu mieghu, il-Pulizija pprova jiddefendieh.

**Edward John Borg** qal li kien ma' l-appellant u ma' Dale Spiteri l-Havana u kien hemm grupp iehor li bdew jheddu lil Dale. Gew fuqhom u bdew jiggieldu u bdew itiru t-tazzi. Lill-appellant rah jiddefendi lilu nnifsu mill-aggressjoni ta' l-ohrajn. Lill-appellant ma rahx jitfa' xi tazzi jew jattakka lil xi hadd.

L-appellant jikkontradici lilu nnifsu fix-xiehda tieghu u ghalhekk ma jistax jitqies kredibbli. L-ewwel jghid li kellu flixkun u spicca waddbu, imbaghad li qal li tefghu bil-biza' li kellu. L-ewwel jghid li hu biss tefa' fliexken imbaghad li kien hemm fliexken ohrajn li ntefghu. Dak li huwa evidenti ghal din il-Qorti pero` huwa illi fl-ebda mument ma jghid illi tefa' flixkun <u>biex jiddefendi ruhu</u>, bhalma jghid li pprova jiddefendieh il-pulizija fl-ghassa mill-aggressjoni ta' zewg zghazagh. Barra minn hekk ix-xiehda tieghu tikkostitwixxi ammissjoni cara li huwa <u>ma giex aggredit minn Mario Brincat</u> u <u>l-anqas li gie aggredit minn haddiehor</u> qabel ma tefa' l-flixkun. U filwaqt illi Edward John Borg jghid illi ra lill-appellant jiddefendi ruhu peress illi kien qed jigi attakkat minn grupp ta' zghazagh, fl-ebda hin ma jghid li ra jew ma rax lill-appellant jitfa' <u>flixkun</u>; dak li jghid huwa li ma rahx jitfa' xi <u>tazzi</u>.

Ghalkemm Mario Brincat ma jghidx illi hu u Dale Spiteri qabdu jiggieldu izda biss li Dale Spiteri pprova jtieh daqqa bir-ras, ix-xiehda tieghu kif korroborata mix-xhieda okulari Alexander Brincat u Mark Fenech, li kien l-appellant li laqtu bil-flixkun fuq ghajnejh hi cara u inekwivoka u, fil-fehma ta' din il-Qorti, kien proprju f'dak il-mument li sahnet sew il-qiegha.

Ghalhekk id-difiza tal-*legittima difesa* ma treggix u konsegwentement l-ewwel aggravju huwa michud.

Kwantu ghat-tieni aggravju, l-appellant jghid illi l-kliem ta’ l-espert Mr. Franco Mercieca huma li *“his injuries are of a non-grievous nature”*. Pero` l-istess espert jghid fir-rapport tieghu – u din il-parti giet anke citata mill-appellant fir-rikors ta’ appell tieghu – li *“Today his only problem is the deep scar involving his right eyebrow, which is consequently slightly overhanging”*. Barra minn hekk l-appellant donnu nesa r-rapport ta’ l-espert dermatologu Dr. Dino Vella Briffa fejn jghid bla tlaqliq li *“dil-ferita hija sfregju”* u dan johrog car anke mix-xiehda li ta quddiem l-ewwel Qorti meta pprezenta r-rapport tieghu[2].

Ghalhekk anke t-tieni aggravju huwa michud.

Kwantu ghat-tielet aggravju, jirrizulta li fil-mori ta’ l-appell giet deciza il-kawza civili fl-ismijiet **Mario Brincat vs Keith Deguara**[3] fejn l-appellant gie kkundannat ihallas is-somma ta’ Lm2736 in lineja ta’ danni lil Mario Brincat. F’dawn il-proceduri l-ewwel Qorti kienet ordnat li l-appellant ihallas Lm500 kumpens ai termini ta’ l-artikolu 28H tal-Kap. 9. Din il-Qorti ma jidhrilhiex illi ghandha b’xi mod tvarja tali ordni izda, peress illi l-likwidazzjoni finali tad-danni jidher li saret permezz tas-sentenza msemmija moghtija mill-Qorti Civili – Prim’Awla, din is-somma ta’ Lm500 ghandha titqies bhala parti minn dik is-somma likwidata ta’ Lm2736, jigifieri kemm-il darba l-appellant ihallas is-somma ta’ Lm500 entru t-terminu stabbilit, din ghandha titqies fl-istess hin bhala pagament akkont tas-somma likwidata ta’ Lm2736. Jekk ma tithallasx, japplikaw il-provvedimenti tas-subartikoli (4) sa (6) ta’ l-artikolu 28H tal-Kap. 9.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b’dan illi l-perijodu operattiv ta’ tliet snin tas-

---

[2] A fol. 43 – 47.

[3] Qorti Civili - Prim’Awla, Citaz. Nru. 60/99 GC fid-9 ta’ Frar 2007 – ara Dok. A a fol. 205 sa 211.

sentenza sospiza, il-perijodu ta' sitt xhur ghall-hlas ta' kumpens ta' Lm500 lil Mario Brincat u l-perijodu ta' xahrejn ghall-hlas lir-Registratur ta' l-ispejjez ta' l-esperti jibdew jiddekorru millum. Din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem car kemm ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija, kif ukoll ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28H jekk hu jonqos li jikkonforma ruhu mad-direttiva ta' hlas ta' kumpens. Fl-ahharnett tattira l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qorti ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------